# Il-Ħadd 28.06.2015

1. It-Tnejn 29/06, **Solennità ta' San Pietru u San Pawl - L-Imnarja**:
   - Tajjeb li nqaddsu dan il-jum bis-sehem tagħna fil-quddies li jkun fil-ħinijiet ta' matul il-ġimgħa.
   - Il-Kappillan Dun David Farrugia jiċċelebra il-11-il sena minn mindu sar saċerdot (29/06/2004). Nifirħulu u nawgurawlu, waqt li nwiegħeduh it-talb u l-koperazzjoni tagħna.

2. Matul dil-ġimgħa – mit-Tnejn 29/06 sal-Ġimgħa 03/07:
   - Ser ikollna Ġimgħa ta' Tagħlim mill-membri tal-MUSEUM fil-bitħa tal-MUSEUM tas-Subien fis-7:15pm bit-tema: *UTINAM* - li tfisser - *Mhux li kien*. Nixtiequ naraw attendenza numeruża.

3. Il-Ġimgħa 3/07, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Fis-6:30pm - Il-Quddiesa.
   - Fis-7:15pm - L-aħħar laqgħa tal-Ġimgħa ta' Tagħlim fil-bitħa tal-MUSEUM tas-Subien.
   - Fit-7:45pm - Ħin ta' Adorazzjoni fil-bitħa stess.

4. Is-Sibt 4/07:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.

5. Avviżi oħra:
   - Matul il-jiem li ġejjin ser jitqassam il-*'Flimkien'* tax-xahar ta' Lulju, flimkien mal-envelops għad-donazzjonijiet tagħkom b'risq l-Arbural tal-Festa. Waqt li nafda f'idejn il-ġenerożità tagħkom, infakkarkom li dawn tistgħu tgħaddhom lura waqt l-offerti fil-knisja jew tiġu bihom fl-uffiċċju parrokkjali.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 160 mil-lotterija f'Jum il-Missier;
   - € 315 bħala ġabra speċjali b'risq il-festa ta' San Pawl;
   - € 160 b'risq ir-restawr ta' San Pawl. Grazzi mill-qalb.